# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Novembru, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **191/2019**

**LINO MICALLEF** [K.I. NRU. 278889M]
**EZERCENTI L-KUMMERC BL-ISEM "JM SKIPS"**

***VERSUS***

**MELITA POWER DIESEL LIMITED**
[REG. NRU. C-23376]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-26 ta' Lulju, 2019 fejn l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma globali ta' hames mija u disa' ewro u hdax-il centezmu (€509.11c) in kwantu ghal €448.11c valur ta' servizzi rezi minnu lill-konvenuta tul x-xhur ta' Ottubru u Novembru tas-sena 2017 u €61.00c bhala interessi fuq l-fattura nru. 2017-123, kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. L-attur talab ukoll l-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri u kif ukoll l-imghaxxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv u finali.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mill-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant u/jew xi difensur ghan-nom taghha ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha inkluzi d-dikjarazzjonijiet bil-gurament;

Jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm*

*ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxix il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tad-19 ta' Novembru, 2019 (*a foll*. 9–10), il-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali. Cionostanti tali notifika, l-istess konvenuta la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha jew ghan-nom taghha ghas-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal fl-udjenzi li kienu jmissu wara n-notifika lilha ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi difensur ghan-nom taghha biex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici f'tali udjenzi sussegwenti. Tali konvenuta, ghalhekk, giet dikjarata fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif registrat fil-verbal ta' l-imsemmija udjenza.[1]

Fil-konfront ta' l-imsemmija konvenuta gie prezentant kapitolu mill-attur fl-udjenza tad-19 ta' Novembru, 2019 (ara *a fol*. 11). Dan il-kapitolu gie dikjarat bhala mistqarr fl-udjenza successiva, hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza tal-21 ta' Novembru, 2019 (*a fol*. 12). Peress li l-konvenuta naqset milli tirregistra dehera biex twiegeb ghal tali kapitolu, fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr. Kif digà mghadud, dan kollu gie puntwalizzat fil-verbal ta' l-udjenza l-ahhar imsemmija.

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta [*vide* Artt. 698(2) u 702(3)]. Minn tali disposizzjonijiet huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f'min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni *in re* **Anthony Borg v. Samwel Veneziani** (Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998), illi "*din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess*

[1] Ghal dak li jiswa, ghall-estremi ghall-kontumacja fi procedimenti quddiem dan it-Tribunal ara *in re* **Margal Limited v. Eucharist Bajada** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 5 ta' Frar, 2019).

*konvenut*." Fl-istess sens ara s-sentenza *in re* **Stephen Vella et v. Bollicine Limited** (Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008).

Madanakollu, ghalkemm huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-omissjoni tieghu li jikkontesta l-kawza formalment, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni (i.e., l'hekk imsejha konfessjoni gudizzjarja). Imma dana ma jfissirx li min hu tenut jiggudika huwa obligat joqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-gudikant jidhrilu li ghandu jaghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, l-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra. F'dan is-sens ara d-decizjoni *in re* **Tabib Dr. Antonio Zammit et v. Francesco Pace et** (Prim'Awla, 28 ta' Gunju, 1952). In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova wehida mhux necessarjament u bilfors ghandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni tal-parti attrici in kwantu dak l-istat migjub in essere bil-kapitolu ma ghandux ifisser li qed jintroduci derogi ghall-principju tal-piz tal-provi. Kif rilevat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fil-kawza *in re* **James Trapani et v. Vincent Cilia** (28 ta' April 2000), "*il-kapitoli jitqiesu konfessati però dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga' prodotta quddiem il-Qorti. Dan ghaliex kif gja' nghad is-subizzjoni setghet tintalab f'kull parti tal-procedura.*"

Apparti l-imsemmija konfessjoni gudizzjali, it-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni (*invoice*) mressqa flimkien ma' l-att promotur (ara *a fol.* 3) u kif ukoll ta' dak dikjarat bil-gurament mill-attur Lino Micallef waqt l-udjenza tad-19 ta' Novembru, 2019 u cioé fejn l-istess, "*jiddikjara illi hu huwa kreditur fil-konfont tal-Konvenuta fl-ammont intier ta' EUR508.11*[2] *ghar-ragunijiet imfissra fl-Avviz tat-Talba u li l-ebda ammont akkont ta' tali cifra ma gie saldat fil-mori ta' dawn il-proceduri mill-Konvenuta. L-istess Lino Micallef ikkonferma bil-gurament id-dokument, ossija invoice, ezebita a fol. 4 tal-process.*"

F'dan l-istadju, jigi rilevat illi l-ammont komplessivament reklamat (€509.11c) huwa maghmul jikkomprendi minn servizzi rezi (fl-ammont ta' €448.11c) u mill-interessi kalkolati u mahduma *a priori* mill-attur (fl-ammont ta' €61.00c). Ghalhekk l-attur ressaq talba li ghaqqad flimkien is-sorte ma' l-interessi fuq tali sorte. It-Tribunal ma inghatax spjegazzjoni kif saret il-komputazzjoni ta' tali interessi, ossia minn meta dawn gew maghmula jiddekorru u sa meta. Tramite ezercizzju aritmetiku hafif, donnu l-attur ikkalkula l-interessi bir-rata ta' 8% fuq l-

[2] Fil-verità dan l-ammont ghandu jaqra €509.11c hekk kif deskritt fil-premessi tal-Avviz tat-Talba. Ghal xi raguni fuq wicc l-istess Avviz tat-Talba, fil-kaxxa appozita, gie indikat l-ammont ta' "hames mija u tmien ewro u hdax-il centezmu (€508.11c)". Ghat-Tribunal dan huwa kaz car ta' zvista fir-redazzjoni ta' l-att gudizzjarju, fejn minflok in-numru "9" tnizzel in-numru "8". Issir referenza ghas-sentenzi, fost ohrajn, *in re* **Il-Pulizija v. Josephine Grixti** (Appell Kriminali Inferjuri, 25 ta' Jannar, 2007); **Il-Pulizija v. Kingsley Wilcox** (Appell Kriminali Inferjuri, 27 ta' Settembru, 2007); **Il-Pulizija v. Mario Zammit** (Appell Kriminali Inferjuri, 31 ta' Lulju, 2008); **Il-Pulizija v. Raymond Sammut** (Appell Kriminali Inferjuri, 15 ta' Jannar, 2009); u **The Police v. Mohamed Hussein Abdi** (Appell Kriminali Inferjuri, 18 ta' Dicembru, 2017) li lkoll jikkontemplaw l-aspett ta' "*lapsus calami*" u/jew "*lapsus computetri*" meta jsehh zball ta' kitba jew ta' *typing* (dattilografu) f'atti gudizzjarji.

ammont ta' €448.11c mid-data tal-fattura datata 09.11.2017 (*a fol*. 4) sad-data ta' meta hu ressaq il-prezenti istanza (i.e., 26 ta' Lulju, 2019).

Ghal finijiet tal-prezenti proceduri, it-Tribunal sejjer jiddeciedi dwar u jakkorda solament fuq s-sorte fl-ammont ta' €448.11c *qua* servizzi rezi, mentri l-interessi fuq tali cifra jigu awtomatikament u matematikament wehidhom hekk kif ser jigi rifless fid-*decide* tal-prezenti decizjoni.

Fid-dawl tal-provi mressqa mill-attrici – u anke bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mis-socjetà attrici. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal, ezaminati l-istess fil-kwadru probatorju intier, ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom, ghajr ghal dak puntwalizzat *supra*.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba ta' l-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta biex thallas lill-istess attur is-somma ta' erbgha mija, tmienja u erbghin ewro u hdax-il centezmu (€448.11c), bl-imghaxijiet fuq tali ammont bir-rata ta' 8% fis-sena jibdew jiddekorru mid-10 ta' Novembru, 2017 (data li tigi wara dik murija fil-fattura in atti)[3] sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huma a kariku tal-konvenuta.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

[3] Skond l-Artikolu 26C tal-Kodici ta' Kummerc (Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta) l-interessi jiddekorru mill-"*ġurnata li tiġi wara d-data jew wara t-terminu għall-ħlas stabbilit fil-kuntratt.*"